**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum It-Tnejn, 20 ta' Gunju, 2016**

Numru 13

**Rikors Nru. 250/2016**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**JDC Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-bank attur tad-29 ta' Marzu 2016 li jghid hekk:

Illi permezz tal kuntratt tal kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Carmelo Mangion datat 27 tal Gunju 2002 (Dok. A) rez ezegwibbli permezz ta' ittra ufficjali datata 2 ta' Marzu 2004 (Dok. B) is-socjeta intimata giet kanonizzata veru, certa u likwida debitrici a favur is-socjeta esponenti fis-somma ta' tmien mija u sitt elef, erba' mija u hmistax-il lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm806,415.14) ekwivalenti ghall-miljun tmien mija tmienja u sebghin elf, erba' mija trnienja u tletin ewro u centezmu (€1,878,438.01) oltre l-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv;

Illi l-intimati baqghu debituri tas-socjeta rikorrenti;

Illi ghaddew izjed minn hames snin mid-data ta' meta l-istess ittra giet reza ezegwibbli u s-socjeta rikorrenti qeghda permezz tal-prezenti titlob l-awtorizzazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 258(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tesegwixxi dan l-istess titolu fil-konfront tas-socjeta intimata ghall-bilanc li ghadu dovut;

Ghaldaqstant is-socjeta rikorrenti titlob bir-rispett lii dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza lis-socjeta rikorrenti tghaddi ghall-esekuzzjoni tal-istess titolu esekuttiv fuq imsemmi stante li ghaddew izjed minn hames snin u li d-dejn ghadu mhuwiex saldat kollu u

dan ai termini tal-artikolu 258(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li r-rikorrent ghandu: "jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn ... li jkun qieghed ifittex l-esekuzzjoni taghha u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut".

Rat l-atti u dokumenti esebiti;

Rat li s-socjeta intimata, notifikata, ma dehritx ghas-seduta tal-14 ta' Gunju 2016 u lanqas ipprezentat risposta;

Billi mil-provi moghtija konfermati bil-gurament mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors hi skond il-ligi;

Tilqa' t-talba attrici kif dedotta, bl-ispejjez kontra s-socjeta intimata.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur